# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 16 ta' Lulju 2001**

**Numru 3**

**Avviz. numru 1365/99mm**

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' estera Avon Insurance p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Bartholomew Mifsud abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip *comprehensive* u tal-Ligi u l-istess Bartholomew Mifsud**

**vs**

**Rev Carmel Mifsud**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ippresentat mill-atturi fl-24 ta' Settembru 1999 fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li prevja kull dikjarazzjoni ta' responsabilita' skond il-ligi, jhallas lill-atturi s-somma komplessiva ta' erba mija u ghaxar liri Maltin u sitta u

sittin centezmu (Lm410.66c) , in kwantu ghal tlett mija u erbgha u sittin lira Maltin u sitta u sittin centezmu (Lm364.66c) jew somma ohra verjuri lis-socjeta' Fogg Insurance Agencies Limited, ammont rappresentanti d-danni sofferti mill-attur Bartholomew Mifsud u li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited, u in kwantu ghal wiehed u ghoxrin lira Maltin (Lm21.00) lill-attur Bartholomew Mifsud, ammont rapprezentanti d-danni lilu kagunat bhala rizultat ta' telf ta' uzu tal-vettura tieghu, piu' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25.00) ammont rapprezentanti *excess payment,* li ma kienux koperti mill-polza ta' assikurazzjoni, liema danni gew sofferti bhala rizultat ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fis-27 ta' Mejju 1998 ghall-habta ta' 9:30a.m. gewwa Triq ix-Xwieki, Naxxar, bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni FAJ 627 proprjeta' ta' l-attur Bartholomew Mifsud u misjuqa minnu stess, u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru tar-registrazzjoni RCM 107, liema ncident sehh unikament bhala rizultat tat-traskuragni, negligenza, imperizja u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra gudizzjarja ta' l-1 ta' Gunju 1999, u dawk ta' l-ittra gudizzjarja li ntbghatet kontestwalment mal-avviz lis-socjeta' Micallef Insurance Agency Limited bhala agenti tas-socjeta' estera Independent Insurance Co Ltd, u interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-imsemmija ittra gudizzjarja ta' l-1 ta' Gunju 1999 sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li ghall-incident "de quo" kien unikament responsabbli l-istess attur Bartholomew Mifsud stante imperizja, negligenza, traskuragni, imprudenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:-

Illi din il-kawza tirrigwarda ncident tat-traffiku illi gara fi Triq ix-Xwieki n-Naxxar, bejn il-karozza FAJ 627 misjuqa minn Bartholomew Mifsud u l-karozza RCM 107 misjuqa mir-Reverendu Carmel Mifsud. Ta' min isemmi illi Triq ix-Xwieki hija triq serpegganti fil-kampanja, dejqa hafna izda fejn habtu hija pjuttost wiesa u jistghu jghaddu zewg karozzi magemb xulxin.

Ikkunsidrat:-

Illi l-attur xehed illi huwa kien qieghed isuq f'din it-triq bi *speed* baxx u ra karozza gejja mill-faccata u ghalhekk zamm fuq in-nahha tieghu tat-triq u waqaf. Il-karozza l-ohra pero' ma

rnexxilhiex taghmel hekk. Is-sewwieq ghafas il-*brake*, izda baqa jitkaxkar ghal fuqu. Iz-zewg vetturi habtu ponta ma' ponta. Dik ta' l-attur il-ponta ta' quddiem tal-lemin, l-istess il-karozza tal-konvenut.

Il-konvenut xehed illi huwa kien qed isuq dik il-karozza fit-Triq ix-Xwieki, liema triq kien jafha sew. Jaf li f'din it-triq hemm hafna *blind corners* kif ukoll li hemm fabbrika tan-nar li tigi fuq ix-xellug tieghu. F'hin minnhom kif dar *blind corner* jara l-karozza tal-attur wieqfa quddiemu. Il-konvenut ighid li ghafas il-*brake* izda l-vettura zzerzqet fuq iz-zrar. Ikompli jghid testwalment *"…sabiex nevita l-barriera lqatt il-vettura li kienet wieqfa faccata…."*

Ghal dawk li huma d-danni gew esibiti d-diversi kopji ta' rcevuti biex jiggustifikaw l-ammont li qed jigi reklamat mill-atturi.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti ssib ftit x'ticcensura fis-sewqan ta' l-attur. Dana kien qed isuq bi speed ragonevoli fi triq tal-kampanja li hija pjuttost serpegganti. Din it-triq tirrikjedi attenzjoni aktar minn normali u prudenza ta' grad gholi wkoll. L-attur kien qieghed mohhu fit-triq, tant illi nduna bil-karozza l-ohra tavvicina u kien f'posizzjoni illi jwaqqaf il-karozza tieghu halli l-ohra tkun tista tghaddi bla xkiel fuq il-lemin. Il-konvenut pero' ma jidhirx illi ghamel hekk. Minkejja li kien jaf il-perikoli li hemm f'din it-triq, dana kien ghaddej forsi bi speed mhux prudenti sabiex huwa jkun jista jirreagixxi ghal kull emergenza li tista tinqala. Jghid li huwa gie

nfaccat bil-karozza l-ohra li kienet wieqfa quddiemu, ghafas il-brake, il-karozza tkaxkret u ma setghax jevita l-incident.

Ikkunsidrat:

Il-gurisprudenza tghallem illi skid huwa fattur newtrali u jrid jigi indagat jekk kienx hemm xi responsabbilta' oltre l-iskidd li setgha waslet ghal dan l-incident.

Fil-kawza Pulizija vs Alfred Attard (Vol XL VII pt iv pg 1195) gie ritenut *li skidd wahedha mhijiex la prova ta' negligenza u lanqas skriminanti. Trid issir indagini jekk kienx hemm negligenza antecedenti jew konkorrenti. Jekk din tirrizulta allura hemm responsabbilta' nonostante l-iskidd, jekk le allura l-iskidd ikun imputabbli ghall-"inevitable accident".*

Din il-Qorti kellha okkazzjoni wkoll tippronuncja ruhha fuq dan il-kap u f'sentenza moghtija fit-12 ta' Ottubru, 1992 fl-ismijiet Hugh P Zammit noe vs Hector Carter il-Qorti kif preseduta qalet illi *"huwa ben saput li l-iskidd tista sservi ta' difiza jekk dina tkun subatenja u mhux self inflicted bhal per ezempju roqgha zejt f'nofs karreggjata fi triq altrimenti nadifa, izda f'cirkostanzi fejn dina tista tkun probabbli tenut kont il-kondizzjoni tat-triq allura ma tibqax aktar difiza legittima jekk ma giex pruvat li s-sewwieq uza d-diligenza kollha biex jevita l-iskid"*. F'dan il-kaz, it-triq hdejn barriera fil-kampanja, kien ferm probabbli illi jkun hemm zrar. Il-konvenut qal li t-triq jafha sew u ghalhekk kien jaf li probabilment jekk tinqala xi emergenza huwa jkollu jzomm il-brake u l-karozza tista tiskidja. Ghalhekk il-Qorti ma tarax kif din

l-iskidd tista sservi ta' difiza f'dan il-kaz partikolari. Barra minn hekk, stante illi kien qed isuq fi triq fil-kampanja allura l-konvenut kellu jezercita' l-akbar kura u attenzjoni u ma messux saq il-quddiem jekk ma kienx cert li t-triq kienet libera (ara Aaron Scicluna vs Paul Azzopardi 15 ta' Jannar 1993 Prim Awla).

Il-Qorti ghalhekk issib illi ghal dan l-incident ghandu jahti unikament u esklussivament il-konvenut u ghandu jerfa r-responsabbilta' tad-danni subiti mill-atturi.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba ta' l-atturi. Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident li gara fi Triq ix-Xwieki, fin-Naxxar fis-27 ta' Mejju 1998, bejn il-karozza FAJ 627 proprjeta' ta' l-attur u l-karozza RCM 107 misjuqa mill-istess konvenut u dana minhabba negligenza u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

Tillikwida d-danni subiti mill-atturi fl-ammont ta' erba mija u ghaxar liri Maltin u sitta u sittin centezmu (Lm410.66c) u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut li jhallas dan l-ammont lill-atturi.

Bl-ispejjez u interessi legali mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz kontra l-konvenut.

Anthony Zammit/Dep Reg